# LOLA, IN-NANNAKOLA

Kliem u mużika ta' Michael Piscopo

Lola, in-Nannakola
Ferħana tmur l-iskola
Wara li tlesti xogħolha
Toħroġ tilgħab fil-ġardin.

Taqbeż minn fjur għal fjura
Biex tgawdi n-natura
U meta terġa' lura
'Qas tkun taf kif għadda l-ħin.

Ma' sħabha Fonzu u Miċu tmur xi dawra
Fil-kampanja wara nofsinhar
U magħhom jieħdu biċċa ħobż imħawra
Bit-tonn taż-żejt u bil-kappar
Żebbuġ, nagħnigħ u farka bżar.

Lola in-Nannakola
Tħobb il-pitravi vjola
Tikolhom mal-fażola
Bi ftit ħall u qatra żejt.

Fil-bitħa toqgħod taqra
Flimkien ma' Benna l-Baqra
U mbagħad la tistrieħ naqra
Titla' għall-arja fuq il-bejt.

Kemm tħobb tpinġi l-istampi u tiddisinja
U tfittex dwar pajjiżi bogħod minn hawn
Tixtieq xi darba tmur dawra mad-dinja
Bl-ajruplan jew bil-vapur
U tikteb dwar kull fejn iżżur.

Lola
Lola
Lola
Lola

Bit-tonn taż-żejt u bil-kappar
Żebbuġ, nagħnigħ u farka bżar.

Lola, in-Nannakola
Ferħana tmur l-iskola
Wara li tlesti xogħolha
Toħroġ tilgħab fil-ġardin.

Taqbeż minn fjur għal fjura
Biex tgawdi n-natura
U meta terġa' lura
'Qas tkun taf kif għadda l-ħin.

Kemm tħobb tpinġi l-istampi u tiddisinja
*Fuq il-karti u l-kompjuter*
U tfittex dwar pajjiżi bogħod minn hawn
*Ħafna ħafna bogħod minn hawn*
Tixtieq xi darba tmur dawra mad-dinja
*U anke lil hinn minnha*
Bl-ajruplan jew bil-vapur
*Wuuuuuuu!*
U tikteb dwar kull fejn iżżur.

Lola, in-Nannakola
in-Nannakola
Ferħana tmur l-iskola
itmur l-iskola
Wara li tlesti xogħolha
itlesti xogħolha
Toħroġ tilgħab fil-ġardin.

Taqbeż minn fjur għal fjura
minn fjur għal fjura
Biex tgawdi in-natura
tgawdi n-natura
U meta terġa' lura
la terġa' lura
'Qas tkun taf kif għadda l-ħin.
'Qas tkun taf kif għadda l-ħin.
'Qas tkun taf kif għadda l-ħin.

05-05-2013